MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Numru. 187/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Norbert Ciappara**

**vs**

**Dennis Cuschieri**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Dennis Cuschieri ta’ 29 sena, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ April 1974, iben William u Marian nee’ Caruana, residenti 123, Rudolf Str, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ numru 208474(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer fis-7 ta’ Marzu 2004 u f’ dawn l-ahhar xahrejn ta’ qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 ta’ l-1985 kif sussegwentement emendat u 35 (B) u 89 (A) u t-tielet skeda ta-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’ jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga li instabet f’ tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat 8 ta’ Marzu 2004 fejn bis-sahha tal-Artikolu 120A tal-Kap. 101 ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 101.

Rat il-Kontra-ordni datat 19 ta’ Mejju 2004 fejn huwa ordna li l-imputat jitresssaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fl-udjenza tas-16 ta’ Lulju, 2009.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat principalment il-fatt li hekk kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tas-16 ta’ Lulju 2009 ix-xhieda tal-imputat fil-proceduri odjerni ser tintuza fi proceduri fil-konfronti ta’ terzi u ghaldaqstant ser jigi applikat l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 fil-konfronti tieghu. Il-Qorti kkunsidrat inoltre il-fatt li fil-mori ta’ dawn il-proceduri l-imputat sab impjieg u ghandu certu stabbilita’ familjari. Il-Qorti ghalhekk ghalkemm ser timponi piena karcerarja effettiva ser tinzel  taht il-minimum stabbilit mill-ligi u timponi piena karcerarja anqas mill-minimum ta’ sitt xhur prigunerija stabbilit ghar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati. Il-Qorti f’dan ir-rigward taghmel referenza ghal dak stabbilit mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)  fis-sentenza tal-11 ta’ Lulju 1997 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Jason Dimech’.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat ir-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat, l-Artikoli 35 B u 89A u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat tiddikajra li qed iissb lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah xahrejn (2) prigunerija u multa ta’ hames mitt Ewro (€500).

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ Lm48.53 liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-pilloli Ectasy (Dok. NC1) esebiti f’dawn il-proceduri fl-udjenza tat-18 ta Marzu 2004 liema distruzzjoni ghandha ssir taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------